REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 114/2010

tad-9 ta' Frar 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2229/2004 fir-rigward tal-perjodu ta' żmien mogħti lill-EFSA għall-għoti tal-opinjoni tagħha dwar ir-reviżjoni tal-abbozz tar-rapporti dwar is-sustanzi attivi li għalihom hemm indikazzjonijiet ċari li ma għandhom l-ebda effett ħażin

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) ta' dan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 24b tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 tat-3 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi aktar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [2], fejn ikun hemm indikazzjonijiet ċari li jista' jkun mistenni li sustanza attiva ma jkollhiex effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew fuq l-ilma ta' taħt l-art jew xi influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent, dik is-sustanza għandha tiġi inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mingħajr ma tiġi kkonsultata l-EFSA minn qabel.

(2) Fejn xi sustanza attiva kienet inkluża skont l-Artikolu 24b tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 mingħajr ma kienet ikkonsultata l-EFSA, l-Artikolu 25a tiegħu jipprovdi li l-EFSA għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tar-rapport ta' reviżjoni mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

(3) Minħabba n-numru ta' sustanzi attivi li kienu inklużi skont l-Artikolu 24b tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004, huwa meħtieġ li jitħalla aktar żmien għall-EFSA biex tagħti opinjoni tagħha. Għas-sustanzi kkonċernati hemm indikazzjonijiet ċari li m'għandhomx effetti ħżiena. Wara li tqiesu dawn il-fatti, huwa xieraq li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien li matulu l-EFSA għandha tagħti opinjoni tagħha mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 2229/2004 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004, il-kelmiet "31 ta' Diċembru 2010" huma mibdula b'dawn: "31 ta' Diċembru 2012".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.